# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 21 ta' Ottubru, 2024

Avviz tat-Talba numru: 43/2024 CL

**Stephan Strijbosch** (0385104L)

vs

**Ian Gauci li jezercita l-kummerc bhala Pret a Porte**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-27 ta' Frar 2024, fejn l-attur talab lit-Tribunal jordna u jikkundana lill-konvenut li jezercita l-kummerc bl-isem Pret a Porte jhallas is-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u ghoxrin euro u hamsin centezmu (€1922.50) rapprezentanti depozitu mhallas ghal hames bibien biex jigu installati fl-Mtarfa. Minkejja li l-konvenut kellu jwahhal dawn il-bibien sa data specifika dawn qatt ma twahlu u ghalhekk kellu jiritorna d-depozitu li kien thallas.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2024, it-Tribunal kien innota li l-konvenut kien notifikat, izda la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu biex issehh kontestazzjoni tat-talba tal-attur. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2024, xehed L-attur li f'Gunju 2023 kien ordna hames bibien minghand il-konvenut u ma kienx mar biex jinstallhom u minkejja diversi tentattivi biex jaghmel kuntatt mieghu hu kien jinjorah. Ipprezenta l-invoice mmarkat Dom SS1 u kopja ta' konverzazzjoni fuq Whatsapp mmarkata Dok SS2l, fejn kien ftiehem mal-konvenut biex jwahhal il-bibien sa certu data u fin-nuqqas jiritorna d-depozitu ta' €1,922.50. It-Tribunal gie infurmat illi l-attur kien qieghed jaghlaq il-provi.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2024, minkejja li l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali, la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti. Tali konvenut, ghalhekk, kien gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fill-kawza **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** ingahd illi "*ghalkemm il- konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat- tribunal.*[1]"

---

[1] Giuseppe Gerada v. Salvu Attard (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959)

Semghet ix-xhieda tal-attur u ra d-dokumenti li gewipprezentati minnu. Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mill-attur u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba tal-atturt timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak mitlub mill-attur fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lil konvenut biex jhallas lill-istess attur is-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u ghoxrin euro u hamsin centezmu (€1922.50) bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, huma kollha a kariku tal- konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**